// LEHEN IL-MALTI

MAĦRUĠ MILL-"GĦAQDA TAL-MALTI" (UNIVERSITÀ)

AWISSU 1934] IR-RABA' SENA [Għadd 42

# IL-MALTI FL-EŻAMIJIET

Fl-aħħar għadd ta' *Leħen il-Malti* għidna f'liema friegħi għandu jinfirex tagħlim il-Malti u kif għandu jitqassam fl-iskejjel. Iżda xejn ma jiswa li jkollok programm ta' tagħlim maħdum u mqassam bir-reqqa u bil-għaqal kollu, xejn ma jiswa li jkollok surmastrijiet imħarrġin tajjeb fit-tagħlim, jekk it-tagħlim ma jkunx imsaħħaħ mill-eżamijiet u minn eżamijiet li ma tistax tgħaddi mingħajrhom. L-eżamijiet huma l-qofol, is-saħħa, il-ħajja tat-tagħlim. Neħħi l-eżamijiet, u t-tagħlim, għat-tfal u għaż-żgħażagħ ukoll, isir ħaġa mejjta, bla ebda fejda. U dan narawh b'għajnejna. Fil-Liċeo jsir it-tagħlim tal-Grieg u tat-Tedesk, li nkunu nafu x'jiswew meta nikbru u ngħaddu 'l quddiem fit-tagħlim. Madankollu min jitgħallem dawn l-ilsna? Ftit li ħadd. Għaliex? Għax mhemmx eżamijiet ta' bil-fors, li jġagħluk, trid jew ma tridx, tagħti ruħek għal dak it-tagħlim.

Għalhekk jekk irridu li tagħlim il-Malti jkollu dik il-fejda li għaliha daħal fl-iskejjel, jaħtieġ li l-eżamijet isiru ta' bil-fors u mhux ikunu merħijin f'idejn l-istudent li jista' jagħmilhom jew ma jagħmilhomx. Jiġifieri għal xi impjegijiet tal-Gvern l-eżami tal-Malti għandu jsir bil-fors bħall-eżami tal-ingliż, inkella jiġri, bħal ma ġara, li ż-żagħżugħ jagħżel għall-eżami suġġetti oħra, li għalih huma eħfef mill-Malti, u l-Malti bil ftit il-ftit jibqa' barra għal kollox. U mingħajr eżamijiet it-tagħlim imut. Jekk iż-żagħżugħ ma jħossx ma' saqajh l-eżami, ftit li xejn iħabbat rasu bit-tagħlim; u hekk it-tagħlim tal-Malti jieqaf nofs triq, jieqaf bla ma jkun laħaq xerred f'moħħ it-tifel il-ġid kollu li għandu fih.

Skond il-fehma tagħna l-eżami tal-Malti għandu jkun ta' bil-fors għal dawn l-impjegijiet.

Għall-assistenti u surmastrijiet tal-iskejjel tal-Gvern. Irraġuni jifhimha kullħadd. Jekk dawn is-surmastrijiet għandhom igħallmu l-Malti, jeħtieġ li qabel ikunu tgħallmuh huma.

Għal xi postijiet taċ-ċivil. L-iktar għal l-iskrivani tal-Qorti u għal xi uffiċċi tal-Pulizija.

Għal dawk li jridu jieħdu l-professjoni tal-Liġi, Avukati u Nutari. Dawn ukoll fix-xogħol tal-professjoni tagħhom jew fix-xogħol tal-impieg tagħhom fil-Qorti jkollhom jiktbu dokumenti bil-Malti, ta' ħtieġa l-aktar kbira, u li jintrefgħu biex kullħadd, imqar wara mijiet ta' snin, ikun jista' jaqrahom.

Mela jidhrilna li l-Malti għandu jidħol bħala suġġett ta' bil-fors fl-eżamijiet taċ-ċivil u tal-Pulizija, fl-eżamijiet tal-matrikola ghal dawk li jridu jsiru assistenti jew jieħdu l-professjoni tal-Liġi.

B'hekk irridu nuru, bħalma dejjem urejna, li fil-fehmiet tagħna fuq tagħlim il-Malti ma għandna l-ebda għanqbuta. Kull ma jsir għal-Malti, jew isir sewwa, b'gieħ tal-Malti u tagħna l-Maltin, jew ma jsir xejn. Dak li ħassejna, dejjem għidnieh bla ħabi u bla tagħwiġ, u hekk nibqgħu nagħmlu bil-ħsieb m'hux li nindaħlu jew niġġieldu, iżda li ngħinu u li naħdmu għal ħutna l-Maltin.